# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef David Scicluna – Aġent President**
**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 31/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Zerafa**
**Charles Joseph Francis Camilleri**
**... *omissis* ...**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fi 2007 kontra **Joseph Zerafa, Charles Joseph Francis Camilleri u *omissis*** li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużahom talli (1) Joseph Zerafa u Charles Joseph Francis Camilleri assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina f'Malta

(raża meħuda mill-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromovew, kkostitwew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; (2) Joseph Zerafa u Charles Joseph Francis Camilleri pproduċew, biegħu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bażi din ir-raża kontra l-liġi u b'dan li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; (3) Joseph Zerafa, Charles Joseph Francis Camilleri u Censina Zerafa kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża kontra l-liġi, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużżiv tagħhom, u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; (4) Joseph Zerafa u Charles Joseph Francis Camilleri kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża kontra l-liġi; (5) Joseph Zerafa kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina kontra l-liġi; (6) Joseph Zerafa attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti; (7) Joseph Zerafa saq *motor-car* jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż; (8) Joseph Zerafa b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa; (9) Joseph Zerafa ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma halliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Jannar 2010 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat: il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2010 li bih Dr. Aaron Bugeja għall-prosekuzzjoni, b'referenza ghat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża, ċeda l-aggravanti *"li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ"* fil-konfront tal-akkużata *omissis* biss u żamm ferm l-istess aggravanti fil-konfront tal-akkużati l-oħra; li meta l-akkużati Joseph Zerafa u *omissis* ġew mistoqsija jekk hux ħatja tal-Att tal-Akkuża, kif modifikat fil-konfront ta' *omissis*, it-tnejn wieġbu li kienu ħatja; li wara li l-Qorti wissiet lil dawn iż-żewġ akkużati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tagħthom ftit taż-żmien biex jerġgħu

lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn iż-żewġ akkużati baqgħu jtennu t-tweġiba li huma kienu ħatja; il-verdett tal-ġurati li bih sabu lill-akkużat Charles Joseph Francis Camilleri b'seba voti kontra tnejn ħati tal-ewwel tliet Kapi u li bih unanimament sabuh ħati tar-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża,

Iddikjarat lil Joseph Zerafa, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati talli:

1. fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel it-3 ta' Mejju 2006, u f'dik id-data assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika Mediċina f'Malta (raża meħuda mill-pjanta cannabis) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. fl-istess żmien, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża mingħajr ma kellu l-liċenzji jew awtorizzazzjonijiet meħtieġa skond il-Liġi u b'dan li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, u dan skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fl-istess żmien, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meżuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni biex jagħmel dan, b'dan li r-reat sar taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, u dan skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

4. fl-istess żmien kellu fil-pussess tiegħu raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża mingħajr ma kellu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa bil-Liġi, u dan skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża;

5. fit-3 ta' Mejju 2006, u fil-granet ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni u liċenzji meħtieġa bil-Liġi, u dan skond il-Ħames Kap tal-Att tal-Akkuża;

6. fit-3 ta' Mejju 2006, attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigiat minn servizz pubbliku skond il-Liġi filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta'

ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita` kompetenti, u dan skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuża;

7. fit-3 ta' Mejju 2006 saq "motor car" jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż, u dan skond is-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuża;

8. fit-3 ta' Mejju 2006, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġuna ħsara jew ħassar jew għarraq il-vettura tal-għamla Toyota Hilux numru DBG 728 u kkaġunalha ħsara ta' kwazi tliet mitt lira Maltin għad-detriment ta' sidha Georgina Schembri, u dan skond it-Tmin Kap tal-Att tal-Akkuża;

9. fit-3 ta' Mejju 2006, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita` jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-Liġi jew b'xi mod ieħor li jkun, u dan skond id-Disa' Kap tal-Att tal-Akkuża;

Iddikjarat lil Charles Joseph Francis Camilleri ħati talli:

1. fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel it-3 ta' Mejju 2006, u f'dik id-data assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika Mediċina f'Malta (raża meħuda mill-pjanta cannabis) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. fl-istess żmien, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża mingħajr ma kellu l-liċenzji jew awtorizzazzjonijiet meħtieġa skond il-Liġi u b'dan li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, u dan skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fl-istess żmien, kellu fil-pussess tiegħu r-raża meżuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni biex jagħmel dan, b'dan li r-reat sar taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu u b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, u dan skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

4. fl-istess żmien kellu fil-pussess tiegħu raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża mingħajr ma kellu l-awtoriżżazzjonijiet meħtieġa bil-Liġi, u dan skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(a)(b) 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [G.N 292 ta' l-1939], l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), kif ukoll l-artikoli 17(b)(d)(h), 23, 30, 96(a), 328(d), 338(ee) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati **Joseph Zerafa** ghall-piena komplessiva ta' erbatax-il (14) sena priġunerija kif ukoll għall-multa komplessiva ta' erbgħin elf Euro (€40,000) li jekk ma titħallasx fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata tiġi konvertita fi tmintax-il (18) xahar priġunerija, kif ukoll li jħallas is-somma ta' €1898.81 ta' sehmu mill-ispejjeż tal-perizji a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u għall-iskwalifika milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur; ikkundannat lill-ħati **Charles Joseph Francis Camilleri** għall-piena ta' tlettax-il (13) sena priġunerija kif ukoll għall-multa komplessiva ta' tletin elf Euro (€30,000) li jekk ma titħallasx fi żmien ħmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata tiġi konvertita fi tmintax-il (18) xahar oħra priġunerija, kif ukoll li jħallas is-somma ta' €1640.44 ta' sehmu mill-ispejjeż tal-perizji a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali; ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-ħatja u li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitżallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Finalment ordnat li sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota – li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Mario Mifsud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' dik il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti semghet ix-xhieda ta' Supretendent Norbert Ciappara, Dr. Robert Portelli MD u tar-Rev. George Spiteri prodotti mid-difiża ta' Joseph Zerafa u *omissis*; wara li rat il-Proċess Verbal esebit fuq talba tad-difiża tal-istess konjugi Zerafa redatt mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke fit-22 ta' Jannar 2010, kontenenti depożizzjonijijiet tal-istess Joseph Zerafa u tas-Supretendent Norbert Ciappara, liema Proċess Verbal infetaħ fuq talba tal-istess Joseph Zerafa b'rikors tal-20 ta' Jannar 2010 u liema Proċess Verbal ġie esebit quddiem dik il-Qorti biss għall-fini tas-sottomissjonijiet dwar il-piena li

jikkonċernaw lill-istess Joseph Zerafa; wara li rat il-verbal tad-difiża tal-konjuġi Zerafa stess fejn ġie spjegat *l-iter* tat-tentattivi li saru għal "sentence bargaining" mal-Avukat Ġenerali, li pero` ma ġewx konklużi bi ftehim; u wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli difensur Dr Joseph Giglio fir-rigward tal-hati **Joseph Zerafa** li jinsabu kollha registrati w senjatament imam mhux biss is-segwenti :-

1. fejn spjega r-raguni ghala ma ntlahaqx ftehiem bejn il-partijiet fit-termini tal-artikolu 453A w fejn accenna li dan kien ghaliex id-difiza kienet qed tippretendi li s-sentenza kellha tkun inqas minn dik ta' tlettax il-sena prigunerija w tletin elf Euro multa li kien dispost jikkunsidra l-Avukat Generali;

2. skond il-"bench marking exercise" li tuza din il-Qorti f'kazijiet simili w partikolarment fil-kazi "Ir-Repubblika vs Roberto Conte" [10.01.2008] w "Ir-Repubblika vs Moubarak" [26.11.2007], fejn kien hemm ammont ta' raza tal-pjanta cannabis vicin ghal dak mertu ta' din il-kawza inghataw sentenzi ta' tnax il-sena prigunerija;

3. li f'dan il-kaz ghandu japplika l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhux biss in vista tad-depozizzjoni tas-Supretendent Ciappara fl-udjenza tal-lum, imma anki ghaliex id-depozizzjoni ta' Joseph Zerafa fil-process verbal fuq imsemmi tinkwadra ruhha fit-termini ta' dan l-artikolu;

4. illi fil-fedina penali ta' Joseph Zerafa kien hemm biss sejbien ta' htija wiehed dwar pussess tad-droga raza tal-cannabis f'okkazjoni precedenti;

5. li kien hemm raguni ghaliex Joseph Zerafa irregistra l-ammissjoni tieghu tard;

6. illi l-gurisprudenza Ingliza ghamlet zviluppi fejn jirrigwarda l-issentenzjar ta' persuni hatja meta jkun hemm ammissjoni, li tmur lil hinn mill-kaz ta' **COSTEN** kif johrog mill-**BLACKSTONE** (2006 Edit. P.1972).

"Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli difensur Dr Joseph Giglio fir-rigward tal-hatja **Censina Zerafa** li jinsabu kollha registrati w senjatament imam mhux biss is-segwenti :-

1. illi dan kien kaz pjetuz li kif jirrizulta mill-istqarrija taghha hi kienet qed tagixxi fuq ordni ta' zewgha Joseph Zerafa w dak li ghamlet ghamlitu f'mument meta ma kienitx qeghda "using critical reason";

2. illi l-involviment taghha kien wiehed de minimis ghal dak li jirrigwarda l-hin tal-pussess tad-droga imsemmija minnha;

3. li hi rregistrat l-ammissjoni wara li l-Avukat Generali ceda w irrinunzja ghall-aggravanti tad-distanza;

4. ghalhekk fil-kaz taghha mhux biss kellu japplika l-minimum tal-piena imma dan kellu wkoll jitnaqqas bl-applikazzjoni tal-artikolu 29.

“Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli difensur Dr Roberto Montalto fir-rigward tal-hati **Charles Joseph Francis Camilleri** li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti :-

1. illi kellu jkun hemm l-assorbiment tar-reati taht l- Ewwel u t-Tielet Kap fir-reat taht it-Tieni Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9;

2. illi jekk wiehed joqghod fuq il-verzjoni li strah fuqha l- Avukat Generali w cioe’ li t-traffikar li fih kien involut Camilleri kien jikkonsisti fiz-zamma tad-droga ghal saghtejn biss, dan kellu jitqies fil-piena li ma kellhiex tkun lejn il-massimu possibbli;

3. li peress li l-verdett kien wiehed ta’ seba’ bi tnejn fuq l-ewwel tliet Kapi w ghalhekk jidher li kien hemm zewg gurati li ma kinux sodisfatti mill-htija tal-akkuzat, dan ukoll kellu jkun rifless fil-piena.

“Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli prosekutur Dr Aaron Bugeja li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti:-

1. fejn fir-rigward ta’ Joseph u Censina Zerafa kkonceda li l-htija ta’ dawn it-tnejn ma setghetx titqies fuq l-istess livell anki peress li wiehed instab hati ta’ disa’ Kapi w l-ohra ta’ l-uniku Kap li kellha tirrispondi ghalih u ghalhekk il-piena fil-kaz taghhom kellha tkun differenti;

2. illi jekk wiehed iqis l-aspett tal-gravita’ tar-reati, l-involviment ta’ Joseph Zerafa kien jidher li kien wiehed qawwi w jekk wiehed iqis il-messaggi w telefonati li kienu qed jigu skambjati sa minn gimghat qabel jidher li seta’ kellu involviment anki f’xi episodji precedenti;

3. li l-Avukat Generali personali nnifsu ma qabilx li kellu japplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 f’dan il-kaz ghax bil-fatt li Joseph Zerafa ghazel li jaghti x-xiehda tieghu biss 48 siegha qabel ma kien ser jibda l-guri, gie li ma halla ebda cans lill-prosekuzzjoni li tikkontrolla l-verita` ta’ dak li kien qed jixhed dwaru;

4. li l-Avukat Generali ma riedx jikkonsidra patteggjament dwar il-kaz ta’ Censina Zerafa ghalkemm kien jaqbel li l-involviment taghha kien minimu fil-konfront ta’ dak ta’ zewgha, ghalkemm din ma kinitx ikkoperat mill-ewwel mal-Pulizija, tant li l-ewwel tfittxija fid-dar ta’ missier ir-ragel ma tat ebda rizultat u kien biss l-ghada, meta giet konfrontata bl-ezistenza ta’ filmat li kien juriha hierga bil-baskett, li ammettiet u wriet fejn kienet hbiet il-baskett bid-droga;

5. fir-rigward tal-hati Camilleri l-kwantita` ta’ droga involuta kellha tittiehed in konsiderazzjoni fil-piena li kellha tinghatalu fid-dawl tal-istess “bench marks” li normalment tibbaza l-piena fuqhom din il-Qorti.

“Ezaminat il-fedini penali aggornati tat-tlitt hatja esebiti mill-prosekuzzjoni li minnhom jirrizulta li filwaqt li Censina Zerafa hija incensurata, iz-zewg hatja l-

ohra diga` kienu nstabu hatja ta' pussess ta' droga raza tal-cannabis (u dan kuntrarjament ghal dak li xehed spontanjament bil-gurament waqt il-guri l-hati Camilleri).

"Qieset illi fil-kaz tal-hatja Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri r-Raba' Kap ghandu jitqies bhala kap alternattiv ghat-Tielet Kap kif ukoll illi fil-kaz tal-hati Joseph Zerafa r-reat taht id-Disa' Kap tal-Att tal-Akkuza ghandu jigi assorbit fir-reat ta' attakk u rezistenza taht is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza ghaliex serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess dan l-ahhar reat, u ghaliex bejniethom hemm ukoll il-konkors formali w ideali.

"Qieset ukoll li fil-kaz ta' Joseph Zerafa hemm il-konkors formali w ideali bejn is-Seba' w it-Tmin Kap, u li r-reat taht is-Seba' Kap serva wkoll bhala mezz biex seta jigi kommess ir-reat taht it-Tmin Kap u ghalhekk ghandu jigi assorbit fih ghall-fini tal-piena.

"Qieset ukoll li ghall-fini tal-piena, r-reati taht l-Ewwel u t-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza in kwantu jirrigwardaw lill-hatja Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri ghandhom jigu assorbiti fir-reat ta' traffikar taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza skond l-artikolu 17(h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Qieset ukoll illi l-piena ghar-reati ammessi mill-hatja konjugi Zerafa w mill-hati Camilleri hija dik ta' ghomor il-habs, pero` skond il-proviso (aa) (bb) tal-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita` tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal ghomor ma tkunx dik xierqa jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-Qorti tista' tikkundanna l-hati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn € 2,329.37 izda mhux izjed minn €116,468.67.

"Ikkonsidrat

"Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi"**, Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"**, Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.);

"Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri"** [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.

"Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"**, [17.7.2002].

F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R.(S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."**

"Din il-Qorti pero' kkonsidrat il-riljev li ghamel l-abbli difensur Dr. Joseph Giglio dwar "guidelines" ta' Dicembru 2004 mahruga mis-"Sentencing Guidelines Council" tal-Ingilterra dwar tnaqqis ta' piena fejn ikun hemm ammissjoni li jmorru lil hinn mill-kaz ta' **Costen** appena citat u partikolarment jiccitta l-bran mill-Blackstone's fuq imsemmi (2006 Edit. P. 1972) li jghid hekk:- "*in Hussain the Court of Appeal rejected the argument that the statutory provision made it mandatory for a sentencer to give credit for a plea of guilty. In the past a reduction has been withheld when an offender had been caught red-handed and a guilty plea is inevitable ……. The SGC Guideline now says that credit should not be withheld or reduced on these grounds alone (Para. 5.2)."*

"Ikkonsidrat:

Illi huwa ovvju li r-rakkomandazzjonijiet tas-"Sentencing Guidelines Council" ma humiex awtomatikament applikabbli f'Malta w cioe` f'gurisdizzjoni differenti w sallum dak li gie citat b'approvazzjoni mill-Qrati taghna, partikolarment mill-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa l-kaz ta' **Costen** fuq imsemmi.

"Illi f'dan il-kaz, meta l-hatja Joseph u Censina Zerafa tressqu l-Qorti fil-5 ta' Mejju, 2006 u gew mistoqsija jekk ridux iwiegbu w x'iwiegbu, fuq l-akkuza wiegbu li ma kinux hatja w dan minkejja li huma kienu diga` ammettew l-involviment taghhom rispettiv skond l-akkuzi dedotti kontra taghhom fl-istqarrija taghhom lil Pulizija. Huma zammew din il-pozizzjoni ferma tul il-kumpilazzjoni kollha w baqghu ma rregistrawx ammissjoni. Meta umbaghad huma gew notifikati bl-att tal-akkuza odjern fis-7 t'Awwissu 2007, ipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet preliminari li fil-kaz ta' Joseph Zerafa gew kollha ceduti w fil-kaz ta' Censina Zerafa gew ceduti jew decizi kontra taghha bla ma appellat minnhom. L-ammissjoni taghhom saret biss seduta stante fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2010, kwazi erba' snin wara l-kommissjoni tar-reati minnhom ammessi w dak inhar li kellu jibda l-guri taghhom.

"Inoltre jirrizulta li Joseph Zerafa baqa' jistenna dan iz-zmien kollu biex joffri li jixhed quddiem Magistrat bil-ghan li jkun jista' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 u dana biss ghamlu fl-20 ta' Jannar 2010 u cioe` hamest ijiem biss (li minnhom tnejn kienu s-Sibt u l-Hadd) qabel il-bidu tal-guri.

"Hu minnu li l-hatja meta l-kawza giet appuntata ghas-smiegh quddiem il-gurati ammettew, imma fic-cirkostanzi meta wiehed iqis "**l-*iter*"** tal-process, zgur li ma jistax jintqal li f'dan il-kaz kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun awtomatikament tintitola lill-hatja ghal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena. Dan anzi kien kaz fejn, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, il-hatja ghamlu ammissjoni fl-ahhar mument possibbli u fil-kliem tac-citazzjoni fuq riprodotta dan kien proprju kaz ta' **'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of A defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."**

"Il-Qorti qieset fir-rigward tal-hati Joseph Zerafa d-depozizzjonijiet li ta Joseph Zerafa quddiem il-Magistrat Doreen Clarke u qieset ukoll id-depozizzjoni tas-Supretendent Norbert Ciappara fl-udjenza tal-lum u ghalkemm l-informazzjoni li ta Joseph Zerafa ghamilha proprju *"at the eleventh hour",* l-istess Supretendent deher sodisfatt mill-veracita` taghha billi hu semma min kien fornih b'din id-droga mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-hati jista' jibbenefika mill-provvediment tal-artikolu 29 b'riduzzjoni ta' grad wiehed kif ukoll irid jittiehed kont tal-fatt li huwa rregistra ammissjoni qabel ma gie ffurmat il-guri, sia pure tardivament u li bl-ebda mod ma tista' tissejjah bikrija.

"Din l-ahhar konsiderazzjoni tapplika wkoll fil-kaz tal-hatja Censina Zerafa, li pero` ma hemmx raguni ghala ghandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Id-"depression" akuta li qabditha **wara** li giet akkuzata bir-reat in dizamina zgur li ma tistax titqies bhala attenwanti fil-kaz taghha pero`, anki jekk kienet tbati minn xi episodji leggeri precedentement ghall-arrest taghha.

> "Ghalhekk meta giet biex tikkalibra l-pieni relattivi erogabbli lit-tliet hatja, qieset il-partecipazzjoni minima w l-ammissjoni qabel ma gie ffurmat il-guri kif ukoll il-kondotta incensurata ta' Censina Zerafa w, mill-banda l-ohra l-fatt li z-zewg hatja l-ohra kienu diga` gew kundannati dwar pussess ta' droga.
>
> "Qieset ukoll li ghalkemm il-hati Camilleri b'verdett ta' seba' bi tnejn fuq tliet Kapi w verdett unanimu fuq ir-Raba' Kap (bl-assorbiment gja fuq imsemmi) instab hati ta' erba' akkuzi, il-hati l-iehor Joseph Zerafa nstab hati tad-disa' Kapi tal-Att tal-Akkuza (ukoll bl-assorbimenti) ghalkemm dan irid umbaghad jibbenefika mill-artikolu 29 bi tnaqqis ta' grad u jrid jitqies ukoll li ammetta qabel ma gie ffurmat il-guri, ghalkemm fil-fehma ta' din il-Qorti xorta ma ghamilx ammissjoni bikrija.
>
> "Inoltre dwar l-ispejjez peritali, l-Qorti qed taghmilha cara li mill-ispejjez totali ta' €8,056.32 li jidhru fil-lista annessa qed jigu eliminati r-relazzjonijiet numru 3, 4 u 10 li jirrigwardaw l-indagni dwar l-impronti digitali li minnha ma kien hemm l-ebda prova kontra xi wiehed mill-akkuzati, r-relazzjonijiet numru 12 u 15 tal-perit Dr. Patrick Valentino, li gew dikjarati mhux ammissibli f'dan il-guri minhabba l-mod kif ingabret l-informazzjoni mill-istess perit minghajr gurament. Inoltre l-ispiza tar-relazzjoni numru 1 ta' Joseph Zammit dwar il-hsarat fil-vetturi qed jigi akkollata biss lill-hati Joseph Zerafa billi dawn jikkoncernaw il-htija tieghu taht it-Tmin Kap tal-Att tal-Akkuza w l-ispejjez tar-relazzjoni numru 11 tal-Perit Valerio Schembri (Lm693.60) qed jinqasmu biss fuq il-hatja Joseph Zerafa w Charles Joseph Francis Camilleri, stante li l-aggravanti tad-distanza gie attribwit lilhom biss u mhux ukoll lil Censina Zerafa. L-ispejjez rimanenti jinqasmu ugwalment bejn it-tliet akkuzati."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Zerafa ppreżentat fid-19 ta' Frar 2010 fejn talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-ħtija fil-konfront tiegħu, tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena nflitta;

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Joseph Francis Camilleri ppreżentat fid-19 ta' Frar 2010 fejn talab li din il-Qorti tħassar il-verdett tal-ġurati fejn b'seba' voti favur u tnejn kontra sabuh ħati skond l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża u minflok tordna li jiġi reġistrat verdett ta' mhux ħati dwar l-istess tliet Kapi, tikkonferma l-istess verdett in kwantu b'vot unanimu ġie misjub ħati tar-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża, u konsegwentement tirriforma –sentenza appellata bill, filwaqt illi tikkonferma l-istess fejn huwa ġie dikjarat ħati dwar ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża, tħassarha u tirrevokaha in kwantu ddikjaratu ħati ta' l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża u fejn ikkundannatu għall-piena ta' tlettax-il sena priġunerija kif ukoll għall-multa komplessiva ta' tletin elf euro (€30,000), u minflok tiddikjarah mhux ħati skond l-ewwel tliet kapi ta' l-Att ta' Akkuża u tinfliġġi piena aktar ġusta u idoneja skond il-liġi;

**6.** Rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**7.** Sejjer l-ewwel jiġi kkunsidrat l-appell ta' Joseph Zerafa li jikkonċerna l-piena nflitta. L-appellant jissottometti:

> "Illi l-ewwel Qorti dehrilha li f'dan il-kaz l-ammissjoni tal-esponent ma kinitx wahda bikrija anzi kienet wahda fejn l-esponent irregistra l-ammissjoni tieghu biex tiehu dak li ssejjah *'a tactical advantage'*. Illi f'dan 1-aspett 1-ewwel Qorti fl-obiter taghha segwiet l-iter processwali sabiex tasal ghal din il-konkluzjoni.
>
> "Illi pero` u bir-rispett dak li nsiet l-ewwel Qorti kien is-segwenti:
>
> "Illi 1-ewwel Qorti ftit li xejn ikkummentat fuq il-fatt li l-esponent u martu, tramite l-konsulenti legali tieghu, kienet ilu sa minn sena u nofs qabel ma gie appuntat il-guri tieghu fi trattativi, kemm mal-prosekuzzjoni u sussegwentement mal-Avukat Generali, sabiex jasal f'forma ta' patteggjament. Kien propju sabiex jigi spjegat ukoll dana l-isfond r-rilevanza tad-deposizzjoni tas-Supretendent Norbert Ciappara. Kien propju ukoll ghalhekk li sar il-verbal tad-difiza registrat fl-atti matul l-udjenza tat-28 ta Jannar 2010.
>
> "Illi l-esponent jilmenta ukoll mill-fatt li 1-Qrati taghna jibqghu jsegwu u jirriproducu *verbatim* il-bran tal-Blackstone fl-edizzjoni tieghu tal-2001 meta jirrizulta ampjament li dan il-bran huwa ormai haga tal-passat u gie superat b'idejat ohra.
>
> "Illi ghalhekk, filwaqt li huwa veru li l-izviluppi fl-Ingilterra ma humiex awtomatikament applikabbli f'Malta, daqstant iehor pero` jekk il-Qrati taghna ser ikomplu jistriehu fuq kif kienet l-posizzjoni fl-Ingilterra jehtieg ukoll jindirizzaw l-izviluppi li saru b'dik il-posizzjoni.
>
> "Illi in effetti fl-edizzjoni tal-Blackstone 2006 f'pagna 1972 jinghad is-segwenti:
>
> "*'In Hussain the Court of Appeal rejected the argument that the statutory provision made it mandatory for a sentence to give credit for a plea of guilty. In the past a reduction has been withheld where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable (Landy (1995) 16 CrApp R (5) 908, Scarley (2001) 1 CrApp R (DS) 86).*
>
> *'The SGC Guideline now says that credit should not be withheld or reduced on these grounds alone (para. 5.2). In the past the discount has been withheld where the protection of the public requires it (Costen (1 989) 1 1 Cr App R (5) 1 82). The SGC Guideline says that, if an offender is being sentenced as a dangerous offender, any specified minimum custodial term should be reduced to reflect the plea, but not the additional element in the sentence designed to protect the public (para. 5.1). The SGC Guideline also makes it clear that a sentence cannot remedy a perceived defect in the law, such as where the maximum penalty appears to be too low, by refusal of the appropriate discount. Some or all of the reduction for plea may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct a Newton inquiry into the facts (Williams (1990) 12 Cr App R (S) 415).*

*'The SGC Guideline states that, in general, the level of reduction should be a proportion of the total sentence imposed, based on a sliding scale ranging from a maximum of one third where the guilty plea was entered at the first reasonable opportunity, reducing to a maximum of one quarter (where a trial date has been set), to a maximum of one tenth (for a guilty plea entered at the door of the court or after the trial has begun).'*"

"Illi inoltre l-ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet li din l-informazzjoni nghatat *'at the eleventh hour"* stante li mill-istess deposizzjoni tas-Supretendent Ciappara jirrizulta meta u f'liema dimensjoni kienet l-hekk imsejha informazzjoni. Illi ghalhekk f'dan il-kaz qed jigi umilment sottomess li kellu jinghata aktar piz lil din l-informazzjoni bil-konsegwenti tnaqqis fil-piena kif dispost fl-Artikolu 29 tal-Kap 101.

"Illi jinghad ukoll li l-ewwel Qorti mhux biss ma menzjonatx li f'dan il-kaz l-Avukat Generali kien qieghed jipprospetta piena ta' tlettax-il (13) sena prigunerija izda ma tat l-ebda spjegazzjoni ghaliex ghazlet li teroga piena aktar ghola minn hekk."

**8.** Kif ingħad l-appell ta' Joseph Zerafa huwa mill-piena wara ammissjoni. Għalhekk tajjeb illi jiġi ribadit illi fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Jingħad ukoll għal kull buon fini li anke kieku ammissjoni tkun bikrija, li f'dan il-każ ma kinitx, mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, għandha din tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**9.** Huwa evidenti illi fil-każ in eżami l-piena hija fil-parametri tal-liġi. Difatti l-ogħla piena applikabbli f'dan il-każ kienet dik ta' priġunerija għall-għomor, iżda l-ewwel Qorti applikat il-*proviso* (aa) (bb) tal-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 li pemezz tiegħu, fiċ-ċirkostanzi hemm imsemmija, il-Qorti tista' tikkundanna l-ħati għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn €2,329.37 iżda mhux iżjed minn €116,468.67. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet li kienet qed tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101 u tnaqqas il-piena bi grad. Dan ifisser illi l-parametri tal-piena niżlu għal perijodu ta' priġunerija minn tliet snin sa għoxrin sena. Peress illi l-ammissjoni saret proprju qabel ma gie ffurmat il-ġuri, u allura *"at the door of the court"*, anke kieku kellhom jigu

applikati s-*Sentencing Guidelines* ta' l-Ingilterra (li ma huma xejn ħlief hekk, cioe` *guidelines* għall-Qrati Ingliżi), it-tnaqqis massimu rakkomandat huwa ta' *"one-tenth"*. Dan ifisser illi l-parametri jinżlu għal minn 32½ xhur sa tmintax-il sena. U kieku kellu jitnaqqas kwart (*"where a trial date has been set"*), il-piena tkun ta' minn 27 xahar sa ħmistax-il sena priġunerija. Jiġifieri f'kull każ il-piena nflitta hi entro dawn il-parametri.

**10.** Issa, b'referenza għat-trattativi li kienu qegħdin isiru għall-possibbli patteġġjament, huwa veru illi fit-28 ta' Jannar 2010 ġie reġistrat verbal mid-difiża quddiem l-ewwel Qorti fis-sens li tali trattativi kienu ilhom għaddejjin sa minn Ġunju 2009 u risposta mingħand l-Avukat Ġenerali ġiet biss fil-15 ta' Jannar 2010 meta ġie suġġerit li l-appellant jagħti x-xiehda tiegħu bil-ġurament a bażi ta' l-artikolu 30A tal-Kap. 101. Skond l-istess verbal, din ix-xiehda ingħatat minnufih, u fit-22 ta' Jannar 2010 l-Avukat Ġenerali ta r-risposta tiegħu definittiva li kien lest jaċċetta tlettax-il sena priġunerija għall-appellant Joseph Zerafa u ma xtaqx jikkommetti ruħu dwar *omissis*. Id-difiża, pero` ma qablitx. Din il-Qorti hawn tirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Claudio Porsenna** fit-30 ta' Lulju 2015 fejn qamet ukoll din il-kwistjoni:

> "**7.** L-istess kwistjoni tqajment fil-każ **The Republic of Malta v. Stephen Nana Owusu** deċiż minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru 2013 fejn intqal hekk:
>
> **'11. Appellant says that during plea-bargaining (or, more correctly, sentence bargaining) with the Attorney General's Office, that Office indicated that it was prepared to agree to a punishment of ten years imprisonment. Appellant did not agree because he believed that he should receive a lesser punishment. The fact of the matter is that no agreement was reached and whatever discussions there may have been between appellant and the Attorney General, they have absolutely no bearing on the manner of disposal by the Criminal Court. Indeed, even had an agreement been reached, the Court would not have necessarily been bound by such agreement. Article 453A(2) of the Criminal Code provides that the Court "shall" proceed to pass the sentence indicated to it by the parties *"[i]f the court is satisfied that the sanction or measure, or combination of sanctions and measures, requested as provided in subarticle (1) is one which it would have been lawful for it to impose upon conviction for the offence to which the accused has pleaded guilty and does not have cause to order the trial of the cause to be proceeded with for a reason referred to in article 453(2) or for any other reason to reject the request".*'**
>
> "**8.** L-osservazzjoniiet li saru f'dik il-kawża huma pjenament applikabbli għall-każ odjern, u din il-Qorti ma tikkondividi bl-ebda mod il-ħsieb ta' l-appellant illi l-piena nflitta fuqu kienet mod ta' kif l-ewwel Qorti tippenalizzah għax ma kkonkludiex patteġġjament. L-appellant irid jiftakar illi meta Qorti tasal għall-piena li jkun jidhrilha ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari quddiemha, hija ma

tkunx ħadet sehem f'xi forma ta' *give and take* li jikkaretterizża l-proċess ta' patteġġjar."

**11.** Kjarament dak li ntqal fil-bran appena ċitat japplika pjenament għall-każ odjern.

**12.** L-appellant jippretendi illi l-ewwel Qorti kellha taċċetta li jingħata tnaqqis ta' żewġ gradi u mhux grad wieħed. Din il-Qorti eżaminat ix-xiehda tas-Supretendent Norbert Ciappara u x-xiehda li l-appellant Joseph Zerafa ta quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fl-20 ta' Jannar 2010. Huwa minnu li l-appellant Zerafa jsemmi persuni li mingħandhom akkwista d-droga involuta u li wara din id-droga ġiet interċettata u nstabet mill-Pulizija dawk li kienu responsabbli biex għaddewlu d-droga bdew jhedduh. Is-Supretendent Ciappara jgħid illi l-persuni li semma l-appellant kienu "persuni suġġett ta' investigazzjoni" u li l-informazzjoni li l-appellant ta kienet "siewja". Qal ukoll illi "l-investigazzjonijiet iridu jitkomplew". Frankament din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha ssib li l-ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod ħażin.

**13.** Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-każ in eżami jirrigwarda ammont konsiderevoli ta' droga, kważi għaxar kili ta' raża tal-cannabis. Nofshom kienu fil-pussess ta' l-appellant fil-lejla li ġie arrestat mill-Pulizija flimkien mal-ko-akkużat Charles Joseph Francis Camilleri meta kienet se ssir il-konsenja tagħhom lil terza persuna, u n-nofs l-ieħor kien allegatament qiegħed iżommhom id-dar tiegħu għal terza persuna oħra. Jiġifieri l-ammont ta' droga huwa wieħed sinifikanti. Ċertament mhijiex ġustifikazzjoni jew skużanti illi l-appellant kellu problemi finanzjarji u familjari. Is-soluzzjoni ma kinitx tinstab filli l-appellant jippresta ruħu biex jiffaċilita t-traffikar ta' droga f'pajjiżna.

**14.** Fl-aħħarnett din il-Qorti tosserva illi hawn, u b'mod partikolari l-ewwel tliet akkużi, si tratta ta' reati serji u l-piena trid tirrifletti l-gravita` tagħhom. F'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**, deċiż fid-19 ta' Frar 2004, intqal **"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluza importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem*)."** Difatti, f' **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**, intqal: **"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi**

**għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."**

**15.** Wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li qieset ukoll li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hi fil-parametri tal-liġi iżda hi ferm il-bogħod minn dik massima stabbilita mil-liġi, u li ġiet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni tagħha wara li kkunsidrat dak kollu li kien rilevanti, u wara li din il-Qorti għamlet ukoll eżami akkurat ta' l-atti, hi tal-fehma li l-piena nflitta mhijiex, kif jilmenta l-appellant, waħda eċċessiva u ma ssib l-ebda raġuni valida legalment sabiex tvarja din il-piena, kemm dik karċerarja kif ukoll dik pekunjarja.

**16.** Konsegwentement l-appell ta' Joseph Zerafa qiegħed jiġi miċħud.

**17.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra l-appell ta' Charles Joseph Francis Camilleri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-appellant Camilleri") li għandu tliet aggravji: (1) li kien hemm interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-fattispeċi tal-każ fl-Indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri; (2) li l-ġurati għamlu apprezzament ħażin tal-provi; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra, kellha tingħata piena aktar ekwa u ġusta.

**18.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant Camilleri jikkonċerna l-Indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri a rigward ta' l-Ewwel Tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża li jirrigwardaw ir-reati ta' assoċjazzjoni, tat-traffikar tad-droga *cannabis*, u tal-pussess tad-droga mhux għall-użu esklussiv tal-ħati (l-hekk imsejjah pussess aggravat) rispettivament. L-appellant jgħid hekk:

> "L-appellant umilment jissottometti illi l-Onor. Imhallef seta' sgwida lill-gurati bil-mod kif indirizzahom f'dan ir-rigward, u kif fissrilhom ir-reat ta' assocjazzjoni, ta' traffikar tad-droga u tal-pussess aggravat ai termini tal-ligi taghna u tal-fattispeci tal-kaz in dizamina.
>
> "Fl-indirizz tieghu, l-Onor. Imhallef spjega lill-gurati illi mill-mument illi l-appellant Camilleri sar jaf illi dak illi kien hemm fil-baskett il-kannella tal-karti fejn saqajh gewwa l-vettura ta' Zerafa kienet droga (ghax hekk kien qallu Zerafa stess waqt il-harba), u l-aktar meta rema xi sapuna/sapuniet barra mill-vettura ta' Zerafa, allura l-appellant seta' minn dak il-mument il-quddiem irrenda ruhu hati ta' 1) assocjazzjoni ma' persuni ohra sabiex ibiegh jew jittraffika jew jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja din l-assocjazzjoni, 2) ta' traffikar ta' droga u ta' 3) pussess aggravat. L-Onorabbli Mhallef stieden il-gurati sabiex jikkonsidraw dawn il-fatti fid-dawl illi Camilleri ma harabx mill-vettura ta' Zerafa waqt il-harba.

“Bir-rispett kollu, l-appellant jissottometti illi ma jaqbel xejn ma’ din l-interpretazzjoni. Jigi umilment sottomess illi din hija nterpretazzjoni zbaljata kemm tal-ligi, u kemm tal-fattispeci tal-kaz – dan zgur mhux dak illi kellu f’mohhu l-legislatur.

“Bir-reat ta assocjazzjoni jew ahjar *associazione a delinquere*, il-legistatur kellu f’mohhu illi persuna tiftiehem ma’ persuna/i ohra sabiex tikkommetti reat kontra l-ligijiet tad-droga. Tali persuna trid tkun ftehmet fuq ***‘an agreed plan of action’***.

“F’dan l-stadju se ssir referenza ghal gurisprudenza nostrana, illi hija wahda ferm kostanti fuq dan il-punt. Bhala l-ahjar kaz fuq dan il-punt tal-assocjazzjoni, l-appellant jirreferi ghal dak deciz mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-5 ta Marzu 2003, fl-ismijiet The Republic of Malta versus Steven Caddick and Philip Walker. F’dan il-kaz il-Qorti qalet hekk:

**“Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed ‘from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between’ two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement.**
**……**

**“As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, ‘it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice.’”**

“Issir referenza wkoll ghal kaz Ir-Repubblika versus Godfrey Ellul deciz fis-17 ta Marzu, 2005 fejn il-Qorti qalet hekk: “Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta’ Philip Magri u x-xiehda li ta waqt il-guri u tistqarr li minnhom ma jirrizultax li gew ‘ikkumbinati jew miftehma l-mezzi’ li bihom l-appellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza. F'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** naqraw: ***‘The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself …. The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from***

***which the jury may presume it …. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference", deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them."***'

"Ghalkemm huwa minnu illi l-appellant rema xi sapuna/sapuniet barra mit-tieqa tal-karozza ta' Zerafa - fatt illi rrizulta car sia mix-xhieda tal-Pulizija, kif ukoll mid-depozizzjoni ta' l-istess akkuzat fejn huwa stess ammetta quddiem il-gurati li rema xi sapuniet barra mit-tieqa tal-vettura, dan m'ghamlux bl-intenzjoni illi jghin lil Zerafa sabiex iwettaq il-pjan tieghu sabiex jikkunsinna d-droga lil terzi, izda biss sabiex jehles mid-droga illi kellu fejn saqajh waqt il-harba mill-Pulizija. Wiehed jifhem f'liema sitwazzjoni sab fiha l-akkuzat - ghoxrin sapuna fejn siequ, li bihom ma kienx jaf qabel, u bil-pulizija jigru warajhom armati. Pero` b'daqshekk ma jfissirx illi l-appellant assocja ruhu ma' persuni ohra ai termini tal-ligi sabiex jikkommetti reat kontra l-ligijiet tad-droga.

"Mill-provi prodotti minn imkien ma rrizulta illi Camilleri kien ftiehem sabiex iwettaq xi *agreed plan of action*, u huwa ghalhekk illi l-appellant qed umilment jikkontesta l-fatt kif l-Onor Imhallef indirizza lill-gurati f'dan ir-rigward. Jerga' jigi ribadit illi ghas-semplici fatt illi l-appellant ma harabx mill-vettura ta' Zerafa, waqt li Zerafa 1) kien qed isuq b'dak l-ispeed, (fil-fatt irrizulta car u ampju mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni illi waqt il-harba Zerafa saq il-vettura b'mod traskurat, perikoluz u bi speed eccessiv (fatt ammess minn Zerafa stess stante illi ammetta l-Kapi ta' Akkuza relattivi, kf dedotti kontra tieghu f'dan ir.rigward), sahansitra 2) laqat mara (Rosaria Bulteel) u 3) kkaguna hsara f'vettura li laqat (Toyota Hilux). Il-Pulizija sparat ukoll *warning shot* i.e. kienet armata. Ghall-fatt illi ma harabx, allura jfisser illi l-appellant assocja ruhu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u kkommetta reat, kif donnu l-Onorabbli Mhallef ta x'jifhmu lill-gurati?

"L-istess argumentazzjoni tghodd ghaz-zewg Kapi t'Akkuza l-ohra i.e. t-Tieni u Tielet Kap t'Akkuza. L-appellant jikkontendi illi mill-provi prodotti ma rrizultax li kien hemm effettivament bejgh ta' din id-droga da parti tieghu, u li ghalhekk ma setax jinstab hati ta' tali akkuza ta' traffikar ghas-semplici fatt illi huwa baqa' fil-vettura fejn kien hemm id-droga, kif l-Onorabbli Imhallef ipprova jispjega lill-gurati. L-istess jghodd ghal pussess aggravat."

**19.** Din il-Qorti sejra tirriproduċi fl-ewwel lok il-parti ta' l-Indirizz li dwarha jilmenta l-appellant:

"... anke jekk ma kienx jaf fil-bidu, ... tieħu l-verżjoni tiegħu  x'għamel hu, dik it-traġittata, taraw imbagħad f'xi ħin *whether he jumped on the bandwagon* dan u assoċja ruħu dak il-ħin fis-sens illi addirittura beda jgħid lill-ieħor biex jiddisponu mid-droga billi jitfagħhielu barra. Din ammettiha hu hawn, ma jistax dak li jkun jinsiha dak il-fatt. Tridu taraw hemm allura mbagħad f'dak l-istadju kienx f'xi ħin fil-kontroll effettiv jew fiżiku wkoll ta' dik id-droga jew parti minnha jew kienx ukoll anke qed jiddisponi minnha, issa fuq l-*instructions* ta' l-ieħor u mhux ta' l-ieħor, kienx allura daħal parti, jieħu parti attiva f'dak ix-xogħol.

> "Mela allura jekk ikollkom verdett ta' ħtija fuq l-Ewwel Kap, araw x'konsegwenzi jkollu fuq it-Tieni u t-Tielet, għax allura jiġi kien jaf mill-bidu, u d-difiża tiegħu li ma kienx jaf tiġi kompletament anjentata. Jekk ma jirriżultalkomx l-Ewwel Kap għax tgħidu li jien m'għandix il-prova li dawn ftehmu minn qabel, tridu taraw imbagħad wieħed wieħed fuq it-Tieni u t-Tielet Kap, cioe` nonostante b'dak li għamel f'dik in-nofs siegħa, kwarta, li dam jiġri fil-karozza, kienx ukoll imbagħad hemmhekk xorta waħda miss id-droga, qabadha b'idejh, ipprova jiddisponi minnha, ipprova jagħmel hekk, jew jagħmel hekk, jew jagħmel hekk, *in which case* allura jista' jkollkom il-ħtija kemm tat-traffikar kif ukoll ta' pussess."

**20.** Bil-mod kif inhu impostat dan il-bran, jista' jingħad illi *on the face of it* l-interpretazzjoni li ngħatat ta' kif ċerti fatti jistgħu jkunu applikati għar-reati dedotti kontra l-appellant Camilleri tidher daqsxejn imġebbda. Fil-fatt, in kwantu jirrigwarda l-assoċjazzjoni, irid ikun hemm prova ta' (1) ftehim (2) biex tiġi traffikata d-droga u (3) tal-mezzi kkumbinati sabiex id-droga tiġi hekk traffikata. Lanqas ma jista' jingħad illi, l-att li bih persuna tiddisponi jew tipprova tiddisponi minn droga billi tarmiha, jikkostitwixxi traffikar. Ciononostante, iridu l-ewwel jiġu eżaminati l-provi kollha biex jiġi determinat jekk il-ġurati setgħux isibu lill-appellant Camilleri ħati ta' l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, u x'setgħu kienu dawk il-provi li wassluhom jilħqu tali determinazzjoni. Dan hu eżerċizzju li sejra tagħmel din il-Qorti aktar 'l isfel f'din is-sentenza. F'dan l-istadju jrid jingħad, pero`, illi dan il-bran ma jikkostitwixxix l-uniċi osservazzjonijiet li għamel l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri. Difatti qabel dan il-bran, huwa ta spjegazzjoni korretta u dettaljata ta' l-elementi ta' l-imsemmijin tliet reati, cioe` l-assoċjazzjoni, it-traffikar u l-pussess aggravat, u anke rrefera għat-teżi tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiża. In kwantu l-assoċjazzjoni, dak li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri jirrispekkja l-ġurisprudenza tagħna li anke ġiet ikkwotata mill-appellant Camilleri. Għalhekk din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni aggravju.

**21.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant Camilleri jgħid li l-ġurati għamlu apprezzament ħażin tal-provi prodotti. Skond l-appellant, il-ġurati ma setgħux, minn dawk il-provi u għar-raġunijiet ġja` msemmija, isibu ħtija ta' l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża. L-appellant jgħid inoltre:

> "L-appellant xehed u bil-gurament tieghu spjega illi bl-ebda mod ma kien jaf x'kien hemm fil-baskett il-kannella illi kien hemm hdejn saqajh fil-vettura ta;' Zerafa. Huwa spjega illi kien biss waqt il-harba illi sar jaf illi dak illi kien hemm fil-baskett kienet droga destinata ghal certu Pavia. Fil-fatt, u dan kif jirrizulta mid-DVD esebit mill-Prosekuzzjoni fl-Atti ta' l-Istruttorja, bhala Dok AM2 (filmat migbud minn l-ufficjal tal-Pulizija Micallef), l-appellant jidher diehel fir-residenza ta' Pavia [*recte:* Zerafa] fi Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija. Hemmhekk jipparkja l-vettura tiegu targata Isabelle, barra r-residenza ta' Zerafa. Ftit wara l-appellant jidher hiereg mid-dar ta' Zerafa. L-appellant spjega kif aktar kmieni Zerafa kien cempillu sabiex jirrangalu xi katusa,

u fil-fatt meta mar u ra din il-katusa, dehrlu li ghandu bzonn xi ghodda. Dawn il-fatti huma fil-fatt korroborati minn *sms* skambjatui bejn il-konjugi Zerafa, fejn Joseph Zerafa jghid lil martu illi kien se jaghmel xoghlijiet gewwa darhom. Ghalhekk Zerafa, jibghat lil Camilleri gol-garaxx tieghu sabiex igib l-ghodda mehtiega. Camilleri, l-appellant, fil-fatt johrog mir-residenza ta Zerafa **b'idu vojta**, u jikser ghal wara l-kantuniera ghal fejn hemm il-garaxx ta' Zerafa. Ftit minuti wara Zerafa johrog mid-dar tieghu **b'baskett tal-karti ta' lewn kannella**, li fih kien hemm is-sapuniet. Huwa jigbor lil Camilleri mill-garaxx tieghu, u jghidlu biex imur mieghu ghal qadja. Camilleri l-appellant spjega kif hu ma kellux ideja ta x'kienet din il-qadja, pero` xorta mar ma' Zerafa, li kien habib tieghu, u li ghalhekk kien jafdah stante illi kien jafu bhala ragel ta' l-affari tieghu. Kif hargu bil-vettura minn gol-garaxx, Camilleri jinnota illi ken hemm xi hadd illi qed isegwihom b'vettura. L-appellant jghid lil Zerafa biex jieqaf, pero` dan spjegalu li ma jistax peress illi fil-baskett fejn saqajh kien hemm id-droga.

"Ghalhekk, fid-dawl tal-fatti suesposti, l-appellant umilment jissotometti illi l-gurati qatt ma setghu possibilment jaslu ghal verdett ta' htija."

**22.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati (salv dak li ntqal *supra* f'paragrafu 20), setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[1] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, inkluż ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri (salv dak li ntqal *supra* f'paragrafu 20), waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija anke ta' l-ewwel tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża (peress illi r-Raba' Kap ma ġiex ikkuntestat).

(iii) Mill-provi jirriżulta illi fit-3 ta' Mejju 2006 membri ta' l-Iskwadra kontra d-Droga tal-Pulizija kellhom struzzjonijiet sabiex imorru Marsaxlokk peress illi l-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni li kien se jsir *deal* tad-droga. Ir-residenza tal-ko-akkużat Joseph Zerafa kienet taħt sorveljanza u wieħed mill-membri ta' l-Iskwadra kien qiegħed jieħu filmat tal-movimenti f'dik id-dar. Kienu nfurmati li x'aktarx kienet se tintuża karozza bajda Suzuki Swift numru BAP-746. Għall-ħabta tas-7.30 p.m., *team* minnhom immexxi mill-Ispettur Pierre Grech, raw din il-karozza u segwewha. Meta daħlu fi Triq Lepanto, qisu lejn it-tarf ta' din it-triq, *team* ieħor ta' l-Iskwadra ppruvaw iwaqqfu dik il-karozza. Pulizija oħra li kienu rekbin ma' l-Ispettur Pierre Grech (li kien qiegħed isuq) niżlu wkoll iżda x-xufier tas-Suzuki Swift irriversja bi speed qawwi. Il-Pulizija ppruvaw isegwu s-Suzuki Swift li eventwalment ġiet interċettata f'Marsascala. Fiha kien hemm l-appellant Camilleri fuq is-*seat* tal-passiġġier ta' quddiem u l-appellant Joseph Zerafa xufier. Ħdejn saqajn l-appellant Camilleri kien hemm borża kontenenti tmintax-il blokka (magħrufin bħala "sapuna") raża tal-cannabis. Din il-Qorti sejra issa tirreferi għall-partijiet rilevanti tax-xiehda ta' numru ta' pulizija li kienu nvoluti fl-operazzjoni tal-ġurnata in kwistjoni, kif ukoll għax-xiehda ta' l-appellant Camilleri.

(iv) Waħda mill-karozzi (pajżana) tal-Pulizija li kienet qed tipprova tinterċetta s-Suzuki Swift kienet misjuqa minn P.C. 1213 Carlos Axisa li miegħu kellu lil W.P.C. Diane Fenech. P.C. 1213 Axisa xehed: "... dak il-ħin moħħi tagħni li ġibdu għal Marsaxlokk, dik it-triq it-twila li tidħol għal Marsaxlokk. Jien ġbidt għal dik it-triq, għidt forsi nilħaqhom fil-*main road,* u jien u tiela' minn dik it-triq ħarist, bdejt inħares fuq it-toroq tal-lemin tiegħi għax fuq ix-xellug m'hemmx toroq ħlief waħda dejqa biss, u fi triq minnhom, fi Triq iċ-Ċippi inti u ħiereġ rajt il-vettura Suzuki Swift bajda wieqfa f'nofs ta' triq u <u>bil-passiġġier barra minn ġo fiha u kien baxxut fl-art</u>.... U minn hemmhekk irriversjajt biex immur għal wara l-karozza, u peress li rajt passiġġier barra minn ġo fiha fit-triq jien u miexi bdejt inħares lejn l-art u lmaħt blokka sewda li aħna nsibuha bħala sapuna li kienet suspettata li kienet raża tal-cannabis. Jien infurmajt lil W.P.C. 86 biex tinżel tiġborha.... Niżlet ġabritu, kien hemm xi *envelope* fil-vettura niftakar qabditu u tellgħetu...." <u>Jirriżulta li waqt il-ġuri P.C. 1213 anke ta dimostrazzjoni lill-ġurati ta' kif qal li l-passiġġier tas-Suzuki kien baxxut.</u> In

kontro-eżami, fuq kumment tad-difiża: "Jiġifieri inti qed tgħidilna li f'dik l-i*split second* li inti kont qed issuq 'il fuq irnexxielek tara l-passiġġier barra mill-karozza, f'dawn il-ftit sekondi", ix-xhud wieġeb: "Jien għalhekk għidt lil W.P.C. 86 biex tiġbor is-sapuna, għidt ħa nħares lejn l-art biex nara tefax xi ħaġa fl-art. Infatti kien hemm is-sapuna suspettata raża tal-cannabis u ġegħelt lil W.P.C. 86 tiġborha."

(v) W.P.C. (issa W.P.S.) 86 Diane Fenech xehdet li hija kienet riekba fuq wara tal-vettura u meta waslu fi Triq iċ-Ċippi, P.C. 1213 Axisa qallha biex tinżel televa "xi ħaġa li jien ma rajthomx jarmuha mill-karozza jew iniżżluha għax dak il-ħin kont qed nagħmel xi ħaġa bl-arma. Inżilt u b'*envelope* elevajt raża suspettata tal-cannabis mit-triq, ma' l-art." Imbagħad ġibdu fid-direzzjoni ta' Marsascala u interċettaw is-Suzuki hemmhekk. P.C. 1213 mar fuq in-naħa tax-xufier u hi fuq in-naħa tal-passiġġier, l-appellant Camilleri. Meta marret fuq in-naħa ta' l-appellant W.P.S. Fenech xehdet illi: "Għidtlu biex joħroġ mill-karozza, għamiltlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu u dak il-ħin li qed nagħmillu t-tfittxija qalli li x-xogħol kien fejn saqajh." Fuq talba tal-prosekuzzjoni biex tkun preċiża u jekk tiftakar il-kliem preċiż illi uża, ix-xhud wieġbet: "Iva eżatti jien għamiltlu idejh hekk mal-karozza u bdejt nagħmillu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, u qalli: 'Ix-xogħol fejn saqajja qiegħed.' Daqshekk biss." Waqt li kienu fuq il-post hija ċemplet lill-Assistent Kummissarju Neil Harrison biex tinfurmah bl-arresti u biex jibgħat *back-up* u huwa nfurmaha li kienet ġejja persuna biex tgħaddilha biċċa raża oħra. Fil-fatt marret mara fuq il-post u għadditilha blokka oħra bħall-ewwel waħda li kienet ġabret hi minn Triq iċ-Ċippi.

(vi) Dan it-total ta' għoxrin sapuna ġie kkonfermat mill-analiżi li għamel l-Ispiżjar Mario Mifsud li kienu raża tal-cannabis ta' purita` ta' ċirka 10.4% u tal-valur ta' ċirka €29,169.80.

(vii) P.C. 1183 Oliver Borg kien wieħed mill-pulizija ma' l-Ispettur Pierre Grech u meta waslu Marsascala fejn kienu ġew arrestati l-appellant u l-appellant Zerafa, P.C. 1183 qagħad kontinwament fil-presenza ta' l-appellant Camilleri. Huwa xehed li bejn kwarta u nofs siegħa wara li waslu fuq il-post, b'mod spontaneju l-appellant qal, fost affarijiet oħra, li "x-xogħol, hekk irrefera għalih, huwa ta' ċertu wieħed Pavia u li hu kien tahom lit-tnejn li huma mitt lira Maltin biex iżommuhomlu mill-erbgħa sas-sitta ta' wara nofsinhar". In kontro-eżami, mistoqsi jekk dak il-kliem qalux fil-kuntest ta' dak li qal l-appellant Zerafa lilu, ix-xhud xehed li x'qal Zerafa ma jafx għax hu kien ma' l-appellant Camilleri. Fuq insistenza tad-difiża li x-xhud ma kienx jiftakar b'ċertezza f'liema kuntest intqal dak il-kliem, P.C. 1183 wieġeb: "Ħa ngħidlek f'liema kuntest intqal, fil-kuntest li hu dak il-ħin ħassu b'idejh marbuta, qed tifhimni x'qed ngħidlek. U dak il-ħin kien maħruq ta' li ġara u fost l-affarijiet li beda jgħid qal ħeqq ix-

xogħol qas hu tiegħi, ta' Pavia dan, tana mitt lira lit-tnejn li aħna biex inżommuhulu mill-erbgħa sas-sitta. Minn dik li hija ċertezza."

(viii) P.C. 1220 Chris Baldacchino kien wieħed mill-pulizija involuti fl-operazzjoni. Wara l-arresti, hu flimkien ma' żewġ pulizija oħra marru jagħmlu tfittxija fir-residenza ta' l-appellant Camilleri. Huwa xehed: "Niftakar li malli dħalna d-dar tiegħu kien hemm it-tfajla tiegħu illi malli ratu arrestat din infaqgħet tibki, u hu qalilha għalissa toqgħodx tagħmel hekk, qalilha issa sabuhom m'hemmx x'tagħmel. Bdejna t-tfittxija fejn ġew elevati diversi balala imbagħad meta konna deħlin fil-kamra tas-sodda tiegħu huwa minn jeddu għaddielna żewġ biċċiet reżina tal-cannabis. U malli kien hemm id-droga u l-balal għidtlu speċi dan xi tridu dan l-inkwiet? Qalli dawn m'huma xejn fejn l-għoxrin sapuna li sibtuli." Ix-xhud qal li kien ġie nfurmat li waqt li pulizija oħra ta' l-iskwadra kienu qegħdin jinsegwu ż-żewġ appellanti, l-appellant Camilleri beda jarmi xi sapun mill-karozza. Ix-xhud qal li saqsa lill-appellant Camilleri kif beda jarmihom is-sapun, u l-appellant qallu: "Mela inti li kont qed issuq warajja?" Fuq mistoqsija tad-difiża dwar xi diskors li seta' sema' f'Marsascala, P.C. 1220 qal li jidhirlu li l-appellant Camilleri qal li tah mitt lira. Ix-xhud kien ċert, pero`, li semma lil Pavia. Għalhekk li: "Pavia tah mitt lira biex iżommlu l-baskett għal xi ħin, xi tliet siegħat, erbgħa beda jgħid."

(ix) P.C. 213 Nicolai Borg ukoll ħa sehem fit-tfittxija fir-residenza ta' l-appellant Camilleri. Huwa qal li huma u deħlin "mill-ewwel qalilna minn jeddu li għandu biċċtejn raża tal-cannabis moħbijin ġo ġakketta fejn mill-ewwel ħadna u wrihomlna". Xehed ukoll illi meta kienu fir-residenza ta' l-appellant Camilleri kienet ġiet il-mara tiegħu li bdiet tippenikkja u qabeż l-appellant Camilleri u qalilha "toqgħodx sejra hekk, qalilha issa sabuhom". In kontro-eżami x-xhud ġie mistoqsi: "U naqblu illi fil-fatt dan id-diskors li hu qal lill-mara tiegħu kien proprju fil-kuntest ta' din id-droga li kien għadu kemm takom?" It-tweġiba tax-xhud kienet: "Dik ma nistax ngħidlek fuq liema kuntest qalha, naf li qal dak il-kliem u bqajt niftakarha."

(x) P.S. 1574 Renald Cremona ħa sehem ukoll fit-tfittxija fir-residenza ta' l-appellant Camilleri. Huwa qal illi kif kienu deħlin saqsewh għandux xi ħaġa kontra l-liġi u tellagħhom fuq fejn tahom żewġ blokki tal-cannabis li kienu ġo ġakketta li kienet f'gwardarobba. Mistoqsi semax xi ħaġa waqt it-tfittxija, wieġeb: "Jekk niftakar sewwa l-mara tiegħu li kienet naqra panikuża staqsietu x'ġara u ma ġarax u l-imputat qalilha issa la sabuhom m'hemmx x'tagħmel". Ix-xhud qal li l-impressjoni li ħa kienet illi l-appellant Camilleri kien qiegħed jirreferi għal dawk il-biċċtejn raża li kellu ġol-ġakketta.

(xi) Il-linja tad-difiża hi li l-appellant Camilleri ma kienx jaf li kien hemm il-karozza meta rikeb ma' l-appellant Zerafa. L-appellant Camilleri xehed waqt il-

ġuri. Qal li l-mument li sar jaf kien meta ppruvaw iwaqqfuhom il-Pulizija li bdew iteptpu d-dawl tal-karozza tagħhom: "Għidtlu waqqaf ħa naraw xi jriduna, qalli x'inwaqqaf, qalli ma' ġenbek għandi għoxrin jew tnejn u għoxrin sapuniet." Skond l-appellant Camilleri, l-appellant Zerafa qallu li se jwaqqfu biex jinżel bil-baskett iżda hu ma aċċettax għax qal jekk jagħmel hekk jeħel hu meta kien bla ħtija ta' xejn. Meta finalment twaqqfu f'Marsascala, jgħid li l-appellant Zerafa qallu: "f'din il-karozza suppost ċertu wieħed Pavia hawn miegħi mhux inti".

(xii) L-appellant Camilleri fix-xiehda tiegħu ċaħad li xi ħin niżel mill-karozza f'Marsaxlokk. Ċaħad li semma xi flus u qal li kull ma' qal lill-Pulizija kien li "dak qalli lili li suppost ċertu wieħed Pavia kien hawn miegħu fil-karozza mhux jien". In kwantu għat-tfittxija fir-residenza tiegħu, qal li dak li qal lill-mara kien li "nstabet xi droga u ħa neħel jien". Ċaħad li qal id-diskors kollu li semma P.C. 1220 Chris Baldacchino (ara sub-paragrafu (viii) *supra*). Ċaħad li semma "mitt lira". Żied jgħid li meta kienu fil-karozza wara li ħarbu kien hemm żewġ sapuniet fuq siequ u l-ko-akkużat qallu biex jarmihom 'il barra u hu hekk għamel.

(xiii) Fl-istqarrija tiegħu l-appellant Camilleri kien ċaħad li rema xi ħaġa mill-karozza. Bħalma għamel meta kien qiegħed jixhed, ċaħad li niżel mill-karozza. Mistoqsi kif kien qiegħed jgħid li ma kien jaf b'xejn b'dik id-droga meta wara li kien ġie arrestat f'Marsascala beda jgħid li dawk il-blokok tahomlu Marvin Pavia biex iżommhomlu għal sagħtejn, wieġeb li ma kien jaf b'xejn. Mistoqsi kif ma kien jaf b'xejn meta aktar tard waqt it-tfittxija lill-Pulizija kien qallhom kemm kien hemm sapuniet, wieġeb: "Mhux veru gidbulek, jien għidtlu kemm seta' kien hemm, tnejn u għoxrin waħda?" Dwar xi diskors li qal lil martu qal li dak li qalilha kien li l-Pulizija sabu xi drogi. Ċaħad li semma lil Marvin Pavia.

(xiv) Minn dan kollu jidher ċar illi hemm inkonsistenzi bejn dak li l-appellant Camilleri qal lill-Pulizija u dak li xehed waqt il-ġuri. Inoltre bejn dak li xehed hu u dak li xehdu l-Pulizija hemm diversi diskrepanzi. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-ġurati nnutaw dan kollu u waslu għall-konklużjoni li l-verżjoni li kien qiegħed jagħti l-appellant Camilleri, cioe` li ma kien jaf b'xejn, ma kinitx waħda attendibbli. Ċertament ukoll ma setgħux lanqas jifhmu kif, nonostante l-insistenza tiegħu li ma kellux x'jaqsam mad-droga, u nonostante li kellu l-opportunita` jinżel mill-karozza, baqa' xorta ma' abbandunax lill-appellant Zerafa. Probabilment lanqas setgħu jifhmu għaliex, nonostante illi għal parti tal-ħarba l-Pulizija ma kellhomx viżwali tagħhom, l-appellant Camilleri – li ddeċieda li jibqa' ma' l-appellant Zerafa – ma sabx mument biex jarmi d-droga kollha u mhux *the token two*. Kif lanqas ma setgħu jaċċettaw illi l-appellant Zerafa talab lill-appellant Camilleri sempliċement biex jakkompanjah għal "qadja" bħalma kienet din konsistenti fil-konsenja ta' droga

tal-valur ta' kważi €30,000 mingħajr ma l-appellant Camilleri kien jaf f'hiex kienet tikkonsisti l-konsenja. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ġurati setgħu għalhekk raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li l-appellant Camilleri ma kienx kredibbli.

(xv) Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix ukoll għal numru ta' messaġġi mibgħutin mill-*mobile* ta' l-appellant Zerafa li nstabu fuq *sim card* li ġie elevat mingħand l-appellant Camilleri u li, meta l-appellant Camilleri xehed, ċaħad li rċevihom jew li rahom. Huma messaġġi (*sms*es) li evidentement ma jistgħux jittieħdu litteralment għal dak imsemmi fihom (per eżempju, "vleġeġ), u huwa l-mod kif min ikun irid jitkellem fuq droga jwassal l-messaġġ tiegħu, u cioe` billi jirreferi għal oġġetti oħra. Huwa evidenti minn dawn il-messaġġi li bejn l-appellant Camilleri u l-appellant Zerafa kien hemm ċertu intendiment dwar droga.

(xvi) F'dan l-istat ta' provi, il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jiddeduċu li l-appellant Camilleri kien komparteċipi f'assoċjazzjoni għat-traffikar ta' droga, u cioe` li kien hemm il-ftehim bejnu u l-appellant Zerafa sabiex imorru jikkonsenjaw d-droga li nstabet fil-pussess tagħhom lil Marvin Pavia permezz tal-karozza Suzuki Swift filgħaxija tat-3 ta' Mejju 2006. Kwantu għar-reat ta' traffikar, peress illi fil-ġurnata in kwistjoni, u cioe` fit-3 ta' Mejju 2006, id-droga kienet għadha m'għaddietx l-idejn, u kien biss il-bidu tal-esekuzzjoni ta' dan ir-reat, l-appellant Camilleri kellu jinstab ħati ta' tentattiv li, pero`, hu punibbli daqs ir-reat ikkunsmat skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar ir-reat ta' pussess aggravat, dan jinsab assodat mill-provi.

**23.** Għaldaqstant it-tieni aggravju huwa miċħud.

**24.** It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jgħid:

> "Fil-mori tas-smiegh tal-guri ta' l-appellant, giet esebita l-istqarrija guramentata illi rrilaxxa Joseph Zerafa, ftit jiem biss qabel is-smiegh tal-guri. Din l-istqarrija giet rilaxxata nhar l-20 u l-21 ta Jannar, bil-ghan illi l-akkuzat Zerafa jibbenifika minn tnaqqis fil-piena, ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din l-istess depozizzjoni guramentata, rilaxxata quddiem il-Magistrat Dott. Doreeen Clarke, u bl-assistenza ta' l-Avukat Difensur tieghu, Joseph Zerafa, spjega b'mod car u inekwivoku, x'kien l-involviment ta l-appellant Camilleri. Minn din l-istess depozizzjoni guramentata, jirrizulta car illi l-involviment ta Camilleri, jekk jista' jissejjah hekk, kien wiehed *de minimis*. Fil-fatt, Zerafa spjega illi Camilleri kellu biss jakkumpanjah sabiex issir il-konsinna u kien biss waqt il-harba illi Camilleri sar jaf x'kien hemm fil-baskett. A fol 29, Zerafa qal illi: le jien kelli go baskett tal-kartun eh. Huma kienu go baskett tal-kartun u ghaffigtlu fuq hekk jiena. Imbghad x'hin gew jigru warajna u hekk sar jaf

> x'kienu. Ghax ghidtlu aqbad u armihom, ghidtlu aqbad armi xi haga minnhom, jigifieri rama.'
>
> "Din l-istess stqarrija guramentata ma gietx kontestata, fis-sens illi hadd, la l-Avukat Generali u lanqas l-Ufficjali Investigattivi ma kkontestaw il-veracita` o meno ta' l-istess. Dan jirrizulta car mid-depozizzjoni tas-Supretendent Norbert Ciappara, illi ddikjara illi fid-dawl ta' din id-depozizzjoni, l-akkuzat Zerafa kellu jibbenefika minn tnaqqis fil-piena. Di piu` l-Onorabbli Qorti Kriminali ukoll qieset din l-stess depozizzjoni bhala veritiera, u fil-fatt meta giet biex timponi l-piena fuq Joseph Zerafa, u ddecidiet illi ai terminu ta' l-Artikolu 29, tnaqqaslu l-piena bi grad. Ghalhekk din l-istqarrija guramentata zgur mhux wahda kontestata.
>
> "F'dan l-istadju jrid bilfors jinghad illi sa dan il-punt tal-proceduri, din l-istqarrija ma taghmel l-ebda stat ta' fatt favur jew kontra l-appellant, u dan peress illi kwalunkwe stqarrija maghmula minn ko-akkuzat la tista' tkun uzata bhala prova kontra u anqas favur l-akkuzat.
>
> "Ghalhekk fid-dawl ta' dak espost, l-appellant umilment jissottometti, illi la darba din l-istqarrija tkun tista' tigi uzata bhala prova ta' l-involviment tieghu, allura din l-Onorabbli Qorti tkun tista' timponi piena hafna aktar ekwa u gusta, ghall-fattispeci tal-kaz."

**25.** In materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[2].

**26.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Difatti l-piena massima applikabbli f'dan il-każ, kif anke rikjesta mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża hija dik ta' priġunerija għall-għomor.

**27.** Kwantu għall-istqarrija ta' l-appellant Zerafa, din ma tista' sservi ta' ebda prova fil-konfront ta' l-appellant Camilleri. Imbagħad, l-appellant Zerafa seta' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 peress illi ndika fl-istqarrija tiegħu l-persuni li mingħandhom ġiet akkwistata d-droga.

**28.** Kwantu għall-konsiderazzjonijiet oħra, din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal s*upra* f'paragrafi 14 u 15 li japplikaw anke *vis-a-vis* l-appellant Camilleri. Konsegwentement it-tielet aggravju huwa miċħud ukoll.

**29.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi (1) tiċħad l-appell ta' **Joseph Zerafa** u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tiegħu fl-intier, b'dan li l-perijodu

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

għall-ħlas tal-multa u ta' l-ispejjeż peritali kif ukoll il-perijodu għall-iskwalifika milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan jibdew jiddekorru millum; (2) tiddisponi mill-appell ta' **Charles Joseph Francis Camilleri** billi tiddikjarah mhux ħati tar-reat kkunsmat ta' traffikar skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' l-istess iżda ssibu ħati ta' tentattiv ta' l-istess reat skond l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tiegħu fil-bqija, b'dan li l-perijodu għall-ħlas tal-multa u ta' l-ispejjeż peritali jibdew jiddekorru millum. Kwantu għad-droga esebita f'dawn il-proċeduri, wara li rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-2 ta' Diċembru 2015 fejn talab li din id-droga ma tiġix distrutta u minflok tiġi esebita fl-atti tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Herman Mula) v. Malcolm Falzon** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dottor Neville Camilleri) li tinsab differita għas-27 ta' Jannar 2016, din il-Qorti tilqa' l-istess talba u tordna li r-Reġistratur jesebixxi l-imsemmija droga kif mitlub.